# Kawżi magħquda C-428/06 sa C-434/06

## Unión General de Trabajadores de La Rioja (UGT-Rioja) *et*

## vs

## Juntas Generales del Territorio Histórico de Vizcaya *et*

(talbiet għal deċiżjoni preliminari
mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la
Comunidad Autónoma del País Vasco)

"Għajnuna mill-Istat — Miżuri fiskali adottati minn
awtorità reġjonali jew lokali — Natura selettiva"


Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali J. Kokott, ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2008 . . . I - 6750

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Settembru 2008 . . . I - 6783


Sommarju tas-sentenza

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura*
   *(Artikolu 87(1) KE)*

2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Miżuri adottati minn entità infrastatali*
   *(Artikolu 87(1) KE)*

1. Meta jkun irid jiġi eżaminat jekk miżura hijiex ta' natura selettiva, id-determinazzjoni tal-qafas ta' referenza hija essenzjali u dan il-qafas ta' referenza m'għandux neċessarjament ikun definit fil-limiti tat-territorju nazzjonali.

B'hekk, sabiex tiġi evalwata s-selettività ta' miżura adottata minn entità infrastatali u intiża li tiffissa, f'parti biss tat-territorju ta' Stat Membru, rata ta' tassazzjoni iktar baxxa meta mqabbla mar-rata fis-seħħ fil-kumplament tal-imsemmi Stat Membru, għandu jiġi eżaminat jekk l-imsemmija miżura tteħditx minn din l-entità fl-eżerċizzju tas-setgħat suffiċjentement awtonomi meta mqabbla mas-setgħa ċentrali u, jekk ikun il-każ, jiġi mistħarreġ jekk din effettivament tapplikax għall-impriżi kollha stabbiliti jew għall-produzzjonijiet kollha li jsiru fit-territorju li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' din l-entità.

Fis-sitwazzjoni li fiha awtorità reġjonali jew lokali tistabbilixxi, fl-eżerċizzju tas-setgħat suffiċjentement awtonomi meta mqabbla mas-setgħa ċentrali, rata ta' tassazzjoni li tkun inqas mir-rata nazzjonali u li tkun tapplika biss għall-impriżi preżenti fit-territorju li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha, il-kuntest ġuridiku rilevanti għall-evalwazzjoni tas-selettività ta' miżura fiskali jista' jkun limitat għaż-żona ġeografika kkonċernata fil-każ li l-entità infrastatali, b'mod partikolari, minħabba l-istat u s-setgħat tagħha, tokkupa rwol fundamentali fid-definizzjoni tal-ambjent politiku u ekonomiku li fih joperaw l-impriżi preżenti fit-territorju li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha. F'dan ir-rigward, dan ir-rwol fundamentali huwa l-konsegwenza tal-awtonomija u mhux kundizzjoni preliminari għaliha. Fil-fatt, meta entità infrastatali tkun suffiċjentement awtonoma, jiġifieri meta jkollha awtonomija istituzzjonali, proċedurali u ekonomika, hija jkollha rwol fundamentali fid-definizzjoni tal-ambjent politiku u ekonomiku li fih joperaw l-impriżi.

Sabiex deċiżjoni meħuda f'ċirkustanzi simili tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala li ġiet adottata fl-eżerċizzju tas-setgħat suffiċjentement awtonomi, l-ewwel nett huwa meħtieġ li din id-deċiżjoni tkun ittieħdet minn awtorità reġjonali jew lokali li, fuq livell kostituzzjonali tkun tgawdi minn statut politiku u amministrattiv distint minn dak tal-gvern ċentrali. Din l-awtonomija teżiġi li l-entità infrastatali tassumi l-konsegwenzi politiċi u finanzjarji għal miżura ta' tnaqqis ta' taxxa. Dan ma jkunx il-każ meta l-entità ma tassumix il-ġestjoni ta' baġit, jiġifieri li ma jkollhiex kontroll fuq id-dħul u l-infiq. Sussegwentement, id-deċiżjoni għandha tiġi adottata mingħajr ma l-gvern ċentrali jkun jista' jintervjeni direttament fir-rigward tal-kontenut tagħha, anki jekk awtonomija proċedurali bħal din ma teskludix li proċedura ta' konċiljazzjoni tkun implementata bil-għan li jiġu pprevenuti l-kunflitti, sakemm id-deċiżjoni finali meħuda fl-aħħar ta' din il-proċedura tkun adottata mill-entità infrastatali u mhux mill-gvern ċentrali. Fl-aħħar nett, il-konsegwenzi finanzjarji ta' tnaqqis tar-rata tat-taxxa nazzjonali applikabbli għall-impriżi preżenti fir-reġjun m'għandhomx ikunu kkumpensati permezz ta' għajnuna jew ta' sussidji, iddikjarati jew li jirriżultaw biss

mill-eżami konkret tal-flussi finanzjarji, provenjenti minn reġjuni oħra jew mill-gvern ċentrali.

(ara l-punti 46-51, 55, 67, 96, 133, 107, 123, 135, 144 u d-dispożittiv)

2. Meta jkun irid jiġi evalwat jekk entità infrastatali għandhiex awtonomija suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat li xi dispożizzjonijiet li jiffavorixxu lill-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħha li hija tadotta għandhom jiġu kkunsidrati bħala regoli ġenerali u b'hekk bħala li ma jissodisfawx il-kundizzjoni tas-selettività li tippermetti li tiġi identifikata l-għajnuna mill-Istat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu l-portata tal-kompetenzi ta' din l-entità, hekk kif inhuma interpretati mill-qrati nazzjonali u hekk kif dawn jinfurzawhom, filwaqt li jiġi mfakkar li l-fatt li din l-entità hija, fl-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi, taħt l-istħarriġ tal-qorti, kif inhu l-każ f'kull stat tad-dritt, mhuwiex rilevanti sabiex jiġi kkalkolat il-livell ta' awtonomija tagħha.

(ara l-punti 77-83 u d-dispożittiv)